MALTA

# QORTI TAL-APPELLI CIVILI (SUPERJURI)
# MALTA

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**DE GAETANO VINCENT**
**ONOR. IMHALLEF**
**CAMILLERI JOSEPH D.**
**ONOR. IMHALLEF**
**FILLETTI JOSEPH A.**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2002

Appell Civili Numru. 55/1977/1

**Kanoniku Dun Salvatore Pace u b'nota tat-12 ta' Settembru 1996,**
**l-arcipriet Dun Salvatore Muscat, arcipriet tal-Basilika arcipretali tan-Nadur, assuma l-atti ta' din il-kawza flok il-kanonku**
**Dun Salvatore Pace fil-kwalita` tieghu ta' Prokuratur tal-**
**Knisja Basilika Parrokkjali tan-Nadur, kif awtorizzat b'digriet**
**ta' l-Isqof ta' Ghawdex tat-22 ta' April, 1977.**

**vs**

**Nutar Dr. Giuseppe Cauchi u b'digriet ta' l-4 ta' Frar 1993,**

**il-gudizzju gie trasfuz f'isem Pierre Cauchi, Maria mart Serge Natoli, Antoinette mart Patrick Micallef, u Angela mart Simon Theuma.**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

**IC-CITAZZJONI TA' L-ATTUR NOMINE**

1. B'citazzjoni l-attur wara li ppremetta:
Illi huwa proprjetarju ta' bicca art maghrufa bhala "Ta Lewcilla" fil-pjazza tan-Nadur, Ghawdex, tal-kejl ta' 8.12 il-misura li tmiss mit-tramuntana ma' l-imsemmija pjazza San Pietru Pawl, nofsinhar ma' triq, mill-lvant ma' proprjeta` ta' l-istess Knisja Bazilika tan-Nadur, mill-punent ma' bicca art proprjeta` tal-konvenut li originarjament kienet tifforma parti mill-istess art "Ta Lewcilla", liema art ta' l-attur nomine tinsab mikrija ghand l-istess konvenut u mhiex delimitata minn dik tal-konvenut;

Illi l-attur nomine ghamel kawza quddiem il-Bord ghat-Trazzin u Kontroll tar-Raba ghar-ripresa ta' l-istess art u l-konvenut eccipixxa illi ma jafx fejnhom il-konfini bejn l-art tieghu u dik ta' l-attur nomine kif ukoll qed jippretendi illi ma jafx kemm huwa l-kejl ta' l-art ta' l-attur nomine u ghalhekk il-Bord issoprassjeda sakemm jigu stabbiliti il-konfini quddiem dina l-Qorti;

Talab l-attur nomine l-ghaliex il-konvenut:
(i) ma ghandux jigi dikjarat u deciz illi l-art "Ta Lewcilla" sive "Ta' Nawcilla" proprjeta` ta' l-attur nomine hija tal-kejl ta' 8.12 il-misura jew dak il-kejl verjuri li jirrizulta fil-kors tal-kawza;

(ii) ghaliex ma ghandux jigi stabbilit il-konfin bejn l-art ta' l-attur nomine u dik tal-konvenut b'marki permanenti u dan bl-operat ta' perit nominadi;

**L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUT**

Illi l-konvenut, Nutar Dott. G. Cauchi, kien eccepixxa hekk:

(i) Illi l-eccipjent ma jopponix ruhu li jigu stabbiliti l-konfini li jaqsmu l-proprjeta` tal-eccipjent minn dik tal-attur, purche` din id-delineazzjoni tkun bazata fuq provi dokumentarji u precizi skond il-ligi;

(ii) Illi minghajr pregudizzju tal-premess l-art li jippossjedi l-eccipjent hija proprjeta` assoluta tieghu u kull pretensjoni li qieghed jivvanta l-attur fuq dina il-proprjeta` hija nfondata fid-dritt u fil-fatt;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

**ID-DIGRIETI APPELLATI**

3. B'decizjoni tad-29 ta' Mejju 2001, moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, giet michuda t-talba tal-konvenut ghan-nomina ta' periti addizzjonali ai termini ta' l-Artikolu 674 tal-KOPC Kap. 12, liema decizjoni giet ikkonfermata b'digriet iehor tat-13 ta' Lulju 2001, wara li saret talba lill-istess Qorti biex tikkonsidra mill-gdid id-decizjoni taghha tad-29 ta' Mejju 2001 ai termini tal-artikolu 229(4)(5) tal-KOPC Kap. 12;

**L-APPELL TAL-KONVENUTI**

4. Il-konvenuti hassew ruhhom aggravati b'din id-decizjoni tad-29 ta' Mejju 2001, kif konfermata bid-digriet l-iehor tat-13 ta' Lulju 2001, u minnhom interponew appell ai termini tal-artikolu 229(2)(a) u (6) tal-KOPC Kap. 12;

Skond l-appellanti l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan l-appell huma s-segwenti:
(i) Illi f'din il-kawza kienu gew nominati l-Avukat Dottor Philip Bianchi u l-Perit Arkittett Joseph Jaccarini bhala perit legali u perit tekniku sabiex jirrelataw dwar it-talbiet ta' l-attur, u r-rapport taghhom gie mahluf quddiem il-Qorti fit-3 ta' Frar 1994;
(ii) Illi l-esponenti kienu talbu l-hatra ta' periti addizzjonali fit-terminu preskritt mill-ligi u dejjem bla pregudizzju ghat-talba taghhom ghan-nomina ta' periti addizzjonali, huma talbu li l-periti jigu eskussi dwar l-ewwel rapport;

(iii) Illi l-eskussjoni tal-periti hadet is-snin billi ripetutament il-periti naqqsu li jidhru quddiem l-ewwel Qorti biex jigu eskussi *viva voce* quddiem il-Qorti sakemm finalment kellu jkun ir-rikors kostituzzjonali numru 668/98 fl-ismijiet: *Pierre Cauchi et vs L-Avukat Generali et*, li wassal lill-periti jidhru quddiem l-Assistent Gudizzjarju li gie nominat mill-ewwel Qorti fuq talba ta' l-esponenti, u saret l-eskussjoni *viva voce* tal-periti;
(iv) Illi meta l-periti kienu gew eskussi billi sarulhom id-domandi bil-miktub, huma kienu naqqsu li jwiegbu b'mod car ghal uhud mid-domandi u kienu skartaw ghal kollox milli jwiegbu ghal uhud mid-domandi l-ohra, u t-twegibiet taghhom bil-miktub kemm ta' natura legali kif ukoll ta' natura teknika, ghamluha impellanti ghall-konvenuti appellanti li jsostnu t-talba taghhom ghall-eskusssjoni tal-periti *viva voce*, liema talba huma dejjem sostnew bla pregudizzju ghat-talba taghhom ghan-nomina ta' periti addizzjonali;

L-aggravju tal-konvenuti jikkonsisti f'dan li gej:

(i) Illi l-ewwel Qorti ma' kenitx korretta meta nterpretat li bit-talba ta' l-appellanti ghall-eskussjoni tal-periti, huma kienu ghazlu triq, u li llum ma jistghux jaghzlu triq ohra. L-ewwel triq li ghazlu l-appellanti kienet li jigu nominati periti addizzjonali (ara fol. 405 tal-process), u l-eskussjoni tal-periti giet mitluba u sostnuta dejjem bla pregudizzju ghat-talba taghhom ghan-nomina ta' periti addizzjonali li l-appellanti zammew dejjem ferma din l-ewwel talba. Illi l-process f'din il-kawza ha diversi snin principalment minhabba l-fatt li l-ewwel il-periti hadu hafna snin biex lestew ir-rapport taghhom, b'kollox erbatax-il sena u sussegwentement naqqsu u naqqsu b'mod persistenti milli jidhru quddiem il-Qorti biex jigu eskussi *viva voce* mill-appellanti u dan ghal madwar ghaxar snin ohra. Minn ezami tal-process jirrizulta li din il-kawza hadet hafna aktar minn nofs iz-zmien taghha kollu minhabba li l-periti naqqsu li jespletaw l-inkarigu taghhom fi zmien ragonevoli u li kienu huma li sussegwentement naqqsu li jidhru quddiem il-Qorti biex jigu eskussi, u dan id-dewmien gie nterpretat, u b'mod zbaljat fl-umili fehema tal-esponenti, mill-ewwel Qorti aktar bhala xi nuqqas da parti ta' l-

appellanti milli da parti tal-periti. Kien biss wara li saret l-eskussjoni tal-periti *viva voce*, u mill-liema eskussjoni hargu kontraddizzjonijiet lampanti bejn it-twegibiet taghhom u l-konkluzjonijiet li gew raggiunti minnhom fir-rapport, li l-esponenti setghu jghaddu biex isostnu t-talba taghhom li jigu nominati l-periti fit-termini tan-nota taghhom a fol. 405 tal-process. Il-ligi tal-procedura ma tillimitax id-dritt tal-parti ghal wahda miz-zewg rimedji, u minn ezami ta’ l-atti processwali ma jirrizulta minn imkien li l-esponenti qatt abbandunaw it-talba taghhom ghall-perizja perizjuri, anzi zammew ferma din it-talba f’kull stadju u waqt tal-kawza;

(ii) Illi m’huwiex minnu li l-kritika ta’ l-appellanti ghar-rapport tal-periti tirrigwarda biss u hija limitata ghall-kwistjoni ta’ interpretazzjoni u applikazzjoni tal-kuntratti li gew esibiti fil-awza, liema ezercizzju, kif korrettement osservat l-ewwel Qorti, tista’ taghmlu hi minghajr ma tkun marbuta ma’ l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni taghhom li giet moghtija mill-perit legali, il-kwistjoni hija ferm aktar minn hekk u l-ilment ta’ l-appellanti huwa wkol dwar skorrettezzi li saru fil-pjanta mill-perit tekniku, liema skorrettezzi teknici huma lampanti anke jekk wiehed iqabbel l-istess pjanta mas-survey sheets ufficcjali, liema skorrettezzi jistghu johorgu u jigu rimedjati biss billi jigu nominati periti addizzjonali billi l-ewwel Qorti ma tistax tvarja ebda dettal fil-pjanta tal-perit tekniku u hija marbuta maghha. Barra minn hekk zball ta’ natura teknika jista’ wkoll iwassal lill-ewwel Qorti biex tasal ghal interpretazzjoni li tista` ma tkunx korretta tal-kuntratti esibiti;

Ghaldaqstant il-konvenuti appellanti talbu li dan l-appell jigi milqugh u d-digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri tad-29 ta’ Mejju 2001, jigu revokati u t-talba tal-appellanti ghall-periti addizzjonali tigi milqugha, u li din il-Qorti tirrimandi lura l-atti quddiem l-ewwel Qorti biex il-kawza tkompli tinstema’, tigi trattata, u deciza skond il-ligi. Bl-ispejjez kontra l-attur appellat.

**IR-RISPOSTA TA' APPELL TA' L-ARCIPRIET DUN SALVATORE MUSCAT NOMINE GHALL-APPELL TAL-KONVENUTI**

5. L-appellat nomine wiegeb hekk:

Illi preliminarjament dan l-appell huwa null peress illi ma setax isir qabel is-sentenza definittiva billi jinkwadra ruhu taht l-artikolu 229(1)(k) tal-Kodici tal-Procedura Civili;

Illi fil-fatt l-ewwel Qorti b'digriet tad-29 ta' Mejju 2001 kienet cahdet talba tal-konvenuti ghall-periti addizzjonali wara li dawn, wara li ppresentaw nota ghall-periti addizzjonali kienu ghazlu minflok li jeskutu lill-periti gudizzjarji u wara snin jghamlu domandi futili regghu ppretendew li jigu nominati Perit Addizzjonali. Fi kwalunkwe kaz in-nomina ta' periti addizzjonali hija fid-diskrezzjoni tal-Qorti (ara Art. 647 ta' l-istess Kodici tal-Procedura);

Illi b'rikors ta' l-4 ta' Gunju 2001, il-konvenuti talbu lill-ewwel Qorti sabiex 1. Tikkonsidra mill-gdid id-digriet taghha tad-29 ta' Mejju 2001; 2. F'kaz li tikkonferma d-decizjoni taghha tilqa' t-talba taghhom ghall-appell ai termini ta' l-artikolu 229(2)(a)(3) tal-KOPC Kap. 12 jekk fil-fehma taghha jidhrilha li jkun ahjar u gust li l-kwistjoni tingieb quddiem il-Qorti ta' l-Appell qabel ma tinghata sentenza definittiva;

Illi l-ewwel Qorti b'digriet tat-13 ta' Lulju 2001 ikkonfermat id-digriet taghha li bih cahdet in-nomina ta' periti perizjuri u cahdet it-tieni talba cioe` l-permess li jsir appell;

Illi dan id-digriet huwa dak kontemplat bl-artikolu 229(1)(k) li minnu ma hemmx appell qabel ma tinghata sentenza definittiva;

Illi nonostanti dan id-digriet ta' l-ewwel Qorti l-konvneuti fid-19 ta' Lulju 2001, pprezentaw dan ir-rikors ta' appell li ghalhekk huwa null;

Illi fil-mertu sewwa ghamlet l-ewwel Qorti li cahdet darbtejn it-talba tal-konvenuti ghall-perizia perizzjuri billi dina ma kienetx haga ohra hlief manuvra tal-konvenuti biex din il-kawza tkompli tittawwal aktar milli ghamlet u dana bhala parti minn strategija li addottaw d-difensuri tal-konvenuti mill-bidunett;

Illi din hija kawza li kellha tigi deciza fi zmien tlett xhur peress illi tikkonsisti f'talba biex jigi stabbilit l-konfin bejn bicca art formanti parti mid-dar tal-konvenuti u bicca ohra daqsha u tmiss maghha li kienet tinsab mqabbla ghand in-Nutar Cauchi mill-Knisja;

Illi fil-qosor l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti: In-nutar Cauchi kellu bicca art li kien ghamilha gnien mad-dar tieghu. Din l-art kienet nofsha cens perpetwu u n-nofs l-iehor kienet f'idejh bi qbiela minghand il-Knisja tan-Nadur. In-Nutar Cauchi kien ghamel rikors fil-Kurja Veskovili ta' Ghawdex fejn talab li din l-art jew tinghata lilu b'cens jew tinbiegh lilu. Il-Kurja kienet qaltlu li ma setghetx taghmel dan ghaliex dik l-art il-Parrocca kellha bzonnha biex tkabbar d-Dar Parrokkjali li kienet tmiss maghha u kienet qeghda tistenna l-permessi tal-bini;

Illi fil-fatt meta hargu l-permessi l-Parrocca tan-Nadur ghamlet Rikors quddiem il-Board tal-Qbiela kontra n-Nutar Cauchi biex tiehu lura din l-art. F'dak ir-Rikors n-Nutar kien xehed u ammetta illi l-gnien jew art nofsu kien tieghu u nofsu tal-Knisja, pero` ma kienx cert fejn kien il-konfin ta' bejn iz-zewg bicciet art ghalhekk insista li kellha issir kawza fil-Qorti Civili biex jigi stabbilit dan il-konfin u ghalhekk kellha issir din il-kawza li ilha pendenti mill-1997 cioe` 24 sena;

Illi mill-bidu nett l-konvenut wera n-nuqqas ta' serjeta` f'din il-kawza. Fil-fatt fin-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu l-ewwel eccepixxa li ma jopponix ruhu li jigu stabbiliti l-konfini li jaqsmu l-porpjeta` tieghu minn dik ta' l-attur u mbaghad kompla biex jeccepixxi li l-art li jippossiedi hija propjeta` assoluta tieghu. Matul l-kawza beda *filibustering* billi jixhed sieghat shah fuq affarijiet irrilevanti liema *filibustering* damet sejra snin shah cioe` sal-1993 meta

miet. Wara li fl-ahhar gie presentat r-rapport tal-periti giudizzjarji t-tfal tieghu, l-konvenuti prezenti, l-ewwel ghamlu nota ghall-Periti Addizzjonali pero` wara li l-Qorti damet tistenna biex tara jekk humiex sa jinsistu ghall-Periti Addizzjonali d-difensur taghhom ddikjara li minflok irid li jeskuti lill-Periti Gudizzjarji;

Illi billi kienu ghaddew snin minn meta l-periti kienu ppresentaw r-rapport taghhom dawna talbu li jsirulhom d-domandi bil-miktub u jkollhom cans li jaraw l-process u ghaliex l-Qorti laqghet din it-talba tal-periti gudizzjarji l-konvenuti ghamlu kawza Kostituzzjonali biex iwaqqghu dan id-digriet li wara kellhom iceduh, pero` biex jigi akkomodat id-difensur tal-konvenuti l-Qorti accettat t-talba taghhom li d-domandi jsiru Malta quddiem Assistent Gudizzjarju u jsiru *viva voce* flok bil-miktub. Dawn id-domandi damu sejrin sena sena shiha, minn Lulju 1999 sa Settembru 2000, u hadu hames seduti. Id-domandi kienu repitizzjoni ta' dak li kien ilu jinghad a spropositu u ghal kollox irrilevanti. Sal-lum il-konvenuti ghadhom anqas biss hallsu d-dritt intaxxat liz-zewg periti gudizzjari.

Illi meta fl-ahhar meta l-Qorti kienet sa thalli l-kawza ghas-sentenza fuq l-insistenza ta' l-esponenti, l-konvenuti qalu li huma riedu li jigu appuntati periti addizzjonali u l-Qorti fl-ahhar hadet passi biex tikkontrolla l-abbuzi tal-konvenuti u cahdet darbtejn din it-talba taghhom. Dawn biex ikomplu jisfidaw u jtawlu l-kawza nonostanti l-ordni tal-Qorti ghamlu dan l-appell;

Illi ghalhekk dan l-appell mhux biss ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra l-konvenuti appellanti imma ghandu jigi dikjarat frivolu u vessatorju ghat-termini ta' l-artikolu 229(9) tal-Kodici tal-Procedura Civili u jigu applikati s-sanzjonijiet kontemplati f'dan l-istess artikolu.

## KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

6. Il-konvenuti appellanti hassewhom aggravati bid-digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri tad-29 ta' Mejju 2001, kif ikkonfermat mill-istess Qorti bid-digriet tat-13 ta' Lulju 2001 u ghalhekk qeghdin jitolbu r-revoka ta' l-

imsemmija zewg digrieti.  Id-digrieti li dwarhom sar appell huma relatati ma’ talba ghan-nomina ta’ periti addizzjonali, liema talba giet michuda.

7.  In linja preliminarja l-appellat nomine eccepixxa l-inappellabbilita` tal-procedura in ezami ai termini ta’ l-artikolu 229(1)(k) fil-Kap. 12.

Fil-meritu, jissottometti l-appellat nomine, id-digrieti appellati jimmeritaw konferma u l-appell ghalhekk ghandu jigi michud.

8.  Din il-Qorti tibda billi tosserva li minkejja li l-ewwel Qorti cahdet it-talba tal-konvenuti bid-digriet taghha tad-29 ta’ Mejju 2001, minn tali digriet fil-fatt tezisti possibilita` ta’ appell u dan a tenur ta’ l-artikolu 229(2)(a) tal-Kap. 12. Jidher pero` li l-konvenuti fi-rikors in data ta’ l-4 ta’ Gunju 2001 inkludew fih zewg talbiet alternattivi, igifieri li l-ewwel Qorti (i) tikkunsidra mill-gdid id-digriet taghha precedenti li tat fid-29 ta’ Mejju 2001; u (ii) f’ kaz li tikkonferma d-decizjoni taghha (igifieri cahda tat-talba ghall-hatra ta’ periti addizzjonali) tilqa’ allura t-talba taghhom ghal fini ta’ appell ai termini ta’ l-artikolu 229(2)(a)(3) tal-Kap. 12.

Effettivament l-ewwel Qorti cahdet kemm l-ewwel talba kif ukoll it-tieni wahda.

9.  Wara li kkunsidrat is-sottomissjonijiet tal-partijiet, u nnutat li minkejja li l-parti appellanti talbet u otteniet il-fakolta` li taghmel sottomissjonijiet ulterjuri bil-miktub hija naqset milli tipprevalixxi ruhha minn tali fakolta` ghax ma ppresentawx in-nota ta’ sottomissjonijiet fit-terminu prefiss, hija tal-fehma li kif gie impustat ir-rikors datat l-4 ta’ Gunju 2001 tal-konvenuti dan kien jaghti lok ghal zewg tipi diversi ta’ digrieti fis-sens li minn ta’ l-ewwel ma kienx hemm dritt ta’ appell, filwaqt li mit-tieni digriet appell huwa possibbli.  L-artikolu 229(1)(k) tal-Kap. 12 jiddisponi li appell minn “digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba ghar-revoka jew emenda ta’ digriet” jista’ jsir biss wara l-ghoti tas-sentenza definittiva, u flimkien ma’ appell minn dik is-sentenza, u dawn id-digrieti ma jistghux jigu kontestati qabel ma tinghata s-sentenza definittiva.  Mela minn dan

ghandu jsegwi li l-ewwel talba, li giet michuda, hija inappellabbli f'dana l-istadju. It-tieni talba pero`, maghmulha fl-istess rikors f'forma ta' talba alternattiva, hija marbuta ma' appell dwar digriet li jichad il-hatra ta' periti addizzjonali u ghalhekk isegwi li dritt ta' appell hu possibbli a tenur ta' l-artikolu 229(2)(a) tal-Kap. 12, u dan bla hsara ghall-procedura stabbilita fis-sub-artikoli (4) u (5) ta' dan l-artikolu. Hemm dubju jekk huwiex ghal kollox ritwali ghall-appellanti li jqeghdu talbiet alternattivi fl-istess rikors imma ghall-fini ta' praticita`, tenut ukoll kont tas-snin twal li din il-vertenza ilha pendenti, din il-Qorti sejra tikkunsidra bla aktar indugji l-appell tal-konvenuti rigwardanti c-cahda ghall-hatra ta' periti addizzjonali.

10. L-ewwel Qorti mmotivat ic-cahda taghha fuq zewg ragunijiet, dik li l-konvenuti kienu gja pprevalixxew irwiehhom mill-procedura ta' eskussjoni u, fit-tieni lok, li n-nomina ghall-periti addizzjonali ma kenitx mehtiega.

Dwar l-ewwel raguni kif moghtija mill-ewwel Qorti, hija l-fehma ta' din il-Qorti li l-aggravju tal-konvenuti ghandu fondament il-ghaliex il-procedura ta' l-eskussjoni ta' perit jew periti gudizzjarji ma teskludix necessarjament talba ghall-hatra ta' periti addizzjonali, meta tali talba tkun saret entro it-terminu moghti bil-ligi u l-eskussjoni tkun saret bla pregudizzju ghall-istess talba. Ghalhekk, taht dan l-aspett biss, l-ewwel Qorti ma kenitx gustifikata li tichad it-talba. Fit-tieni lok pero` jidher li l-ewwel Qorti kompliet timmotiva c-cahda taghha kif gej:
"Ukoll din il-Qorti hi tal-fehma u dan minghajr m'hi ser tidhol fil-meritu li t-tieni talba attrici hi dipendenti esklussivament fuq interpretazzjoni u applikazzjoni tal-kuntratti esebiti fil-process. Ghal dan il-fini l-Qorti m'ghandhiex bzonn li tinnomina periti billi hija l-funzjoni taghha li tinterpreta u tapplika l-kuntratti ghall-kaz. Dan il-fatt johrog ezawrjentament car kemm minn ezami ta' l-atti processwali u kemm mid-domandi in eskussjoni maghmula mill-konvenut lill-periti. Hu wkoll pacifiku li l-Qorti mhix tenuta li taddotta l-konkluzjonijiet raggunti mill-periti nominati u mhix marbuta li tilqa' talba ghal nominata' periti perizjuri."

11. Kif jemergi mill-artikolu 674(1) tal-Kap. 12, il-Qorti m'hijiex obbligata li takkolji talba ghall-hatra ta' periti addizzjonali. Il-kliem testwali tal-ligi hu li "Il-Qorti .... tista' tghaddi ghall-hatra ta' periti addizzjonali ....". M'hemmx mela l-obbligu. Anzi, kien hemm perijodu meta lanqas dritt ta' appell ma kien rikonoxxut vis-a`-vis d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwl Qorti. Hekk fil-kawza fl-ismijiet "G. Bugeja – vs – C. Vella" deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Marzu 1953 gie ritenut hekk:
"Il-Qorti mhix obbligata, izda ghandha l-fakolta` li tipprocedi ghan-nomina ta' periti addizzjonali. Din hija attribuzzjoni esklussiva tal-Qorti, ezercibbli fid-diskrezzjoni illimitata taghha. U din il-latitudini hija tant estiza, illi l-ezercizzju ta' din il-fakulta` mhux sindakabbli mill-Qorti ta' l-Appell. Il-Qorti jrid ikollha ragunijiet qawwija biex tinnomina periti addizzjonali".

Illum, kif rajna, appell hu possibbli imma tali fakolta` la ghandha tissarraf biex timmina jew biex tnaqqas mill-piz li ghandu jinghata lil dik id-diskrezzjoni maghmula mill-Qorti ta' l-ewwel grad, specjalment meta jkun jidher li in dizimpenn ta' dan l-oneru, l-ewwel Qorti tkun imxiet b'mod garbat u mhux leggerment. Din il-Qorti, wara li hadet kont tas-sottomissjonijiet tal-appellanti in sostenn ta' l-aggravju taghhom fil-meritu ma jidhrilhiex li t-talba ghar-revoka giet b'xi mod gustifikata. Jekk tassew saru "skorrettezzi teknici .... lampanti" fil-pjanta maghmulha mill-perit tekniku, l-appellanti m'ghandhomx ghalfejn jinoltraw il-provi. Mill-bqija, l-appellanti ma ressqu ebda argumenti ta' sustanza biex iwaqqghu l-motivazzjoni moghtija mill-ewwel Qorti bhala bazi ghac-cahda tat-talba tal-konvenuti.

Ghal dawn ir-ragunijiet;
Tiddeciedi billi tichad l-appell tal-konvenuti appellanti bl-ispejjez gudizzjarji kontra taghhom, b'dan li qeghda tordna li l-atti tal-kawza tramite r-Registratur tal-Qrati, jigu rinvjati mill-aktar fiss quddiem l-ewwel Qorti ghall-fini ta' kontinwazzjoni tas-smiegh tal-kawza u eventwali decizjoni skond il-ligi.

Deputat Registratur

df